Kopja Informali ta' Sentenza

MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR. JOSEPH A. APAP BOLOGNA

Seduta tas-26 ta' Novembru, 2004

Numru 487/1995

Il-Pulizija
(supretendent Pio Pisani)
vs
Roger Muscat

Illum 26 ta' Novembru 2004

IL-QORTI

Rat l-akkuzi migjuba mill-pulizija fil-konfront tal-akkuzat u dan talli fit-23 ta' Lulju 1995 ghall-habta tas-siegha ta' fil-ghodu fejn ir-roundabout ta' Erbat' Imwiezeb limiti ta' san Pawl il-Bahar:
1) Ikkaguna offiza fuq il-persuna ta' Carmelo Briffa, liema offiza hija ta' natura hafifa kif iccertifika it-tabib Dr K Gatt MD mill-Mosta Health Centre u fuq il-persuna ta' Daniel Briffa kif iccertifika it-tabib M Caruana MD mill-isptar san Luqa liema griehi huma ta' natura hafifa.

2) Volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor fuq il-vettura ta’ Carmelo Briffa li ggib in-numru F 1255 liema hsara tammonta ghal aktar minn LM500 u fuq id-dentatura tal-istess Carmelo Briffa, liema hsara tammonta ghal LM70.
3) Saq it-Taxi numru Y 0027 kontra s-sinjali ta’ traffiku (double white line).

Rat it-talba tal-prosekuzzjoni biex il-Qorti, barra milli tapplika l-piena stabbilita skond il-ligi, tordna jew tawtorizza s-sospensjoni jew it-tahsir jew l-iskwalifika milli jzomm jew jikseb ta’ Roger Muscat meta jinstab hati ghal dak iz-zmien illi l-Qorti jidhrila xieraq.

Rat il-kunsens tal-Avukat Generali biex dan il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja.

Semghet lill-akkuzat jiddikjara li ma ghandux oggezzjoni ghal din il-procedura.

Semghet ix-xhieda u rat d-dokumenti prodotti mill-prosekuzzjoni.

Semghet lill-akuzat, minn jeddu, kif ukoll ix-xhud riprodott minnu in kontro ezami.

Ikkunsidrat

Illi l-ufficjal prosekutur spjega (fol 15 et seq ibid) li l-akkuzat sewwieq ta’ Taxi bin-numru Y 0027 kien qed isuq, fil-gurnata tal-incident, ghall-habta tan-12.30am b’passiggieri fuq l-istess taxi u kien hiereg mit-triq maghrufa bhala “tal-Erbat’Imwiezeb” fil-limiti ta’ San Pawl il-Bahar.

Hawnhekk kien hemm hafna traffiku u l-akkuzat ma setax johrog sakemm nies ohrajn, bil-karozzi u vetturi taghhom, hallew lill-akkuzat johrog mit-triq fejn kien. Pero, Charles Briffa imsemmi fl-akkuzi, u li kien qed isuq vettura bin-numru F 1255 “... .. ma cedilux ...” u “.. . sar xi battibekk” bejnithom. Skond dejjem l-istess ufficjal prosekutur, l-akkuzat hawnhekk hareg mit-taxi tieghu “... sabiex jiehu

s-sodisfazzjon" waqt li bin il-parti lesa, Daniel Briffa tal-eta ta' 13 il-sena, tefa xi likwidu u laqat lill-akkuzat fuq wiccu. Meta gara dan, l-akkuzat waddab flixkun tal-birra u kisser hgiega tal-karozza misjuqa mill-istess Charles Briffa kif ukoll "... ta xi daqqiet fuq il-karozza ta' dan".

Ix-xhud semma wkoll li Charles Briffa kien qala daqqa fuq id-dentatura tieghu u giet kagunata xi hsara fiha. In oltre, jidher ukoll li l-partijiet involuti " .... kienu kwazi lahqu ftehim ...." dwar risarciment li kellu jhallas l-akkuzat lill-istess parti lesa, izda dan ma kienx intlahaq. Fl-ahhar nett, ix-xhud specifika li l-akkuzat, wara li gie debitament imwissi, kien ammetta mieghu, verbalment, illi kien kisser il-hgiega li ssemmiet waqt l-argument li kien inqala u li kien dispost ihallas il-hsarat fuq l-istess hgiega. Izda kif diga inghad, b'ezitu negattiv (ara wkoll ix-xhieda ta' PS 1168 Joseph Caruana a fol 27 u l-kopja tar-rapport a fol 34 tal-istess atti).

Illi in rigward ix-xhieda tal-imsemmi surgent tal-pulizija, ta' min jinnota li kien hu li mar fuq il-post tal-incident u kien innota li l-hgiega fuq in-naha tax-xufier tal-vettura misjuqa mill-parti lesa kienet imkissra waqt li fuq il-bieba tal-istess naha kien hemm 'xi daqqiet, ossija ghafsiet". In oltre, meta kien fl-istess post kien sab flixkun ta' 'hydraulic fluid' isfar kif ukoll flixkun tal-birra ta' marka estera.

<u>Ikkunsidrat:</u>

Illi Charles Briffa, meta gie prodott sabiex jixhed, qal (fol 41 et seq ibid) illi hu kien flimkien ma' ibnu Daniel fil-vettura msemmija u ra li fl-istess lokalita kien hemm hafna traffiku u kif kien qed idur ma' roundabout fuq il-karreggjata esterna kien ra 'taxi' hiereg minn triq laterali u gej ghal fuqu. Jidher pero, li skond ma xehed il-parti lesa l-istess taxi abjad "..  ghaddiet minn warajja". Sussegwentement, skond dejjem l-istess xhud, hu kien ra "... lil tat-taxi, ossija l-akkuzat, gej bil-girja fid-direzzjoni tieghi wara li ibni kien qal 'isma pa, hemm dak tat-taxi jrid ikellmek ghandu jkun'". Hawnhekk l-akkuzat beda jaghti daqqiet fuq il-hgiega tat-tieqa fuq in-naha tieghu, aktarx bi flixkun, liema hgiega jidher li nkisret. In oltre, l-akkuzat

beda jaghti wkoll b'xi haga, aktarx bis-sieq, fuq l-karozza tieghu kif ukoll ta daqqa ta' ponn fuq wicc ix-xhud. Hawnhekk hu ra lill-ibnu jitfa 'xi haga' lejn l-akkuzat in difesa tieghu u ghalhekk l-istess akkuzat kien mar fuq in-naha ta' ibnu, li da parti tieghu hareg mill-karozza u gera 'l hemm u sparixxa, insegwit mill-akkuzat, bejn il-karozzi fil-post. Ghalhekk wara li hareg mill-karozza hu wkoll, ix-xhud beda jghajjat u fil-fatt inghata ghajnuna minn Assistent Kummissarju tal-Pulizija u sewwieq ta' Mini Bus li kienu ghaddejjin fil-vicinanzi. In rigward l-akkuzat, wara l-intervent tas-sewwieq ta' minibus, dan kien telaq 'l hemm fl-istess taxi misjuqa minnu.

In rigward il-feriti li hu sofra, hu esebixxa ic-certifikat mediku li jinsab a fol 50 tal-atti u li minnu jidher li bhala konsegwenza ta' dan l-incident, il-parti lesa kellha feriti ta' natura hafifa kif deskritti fl-istess certifikat (ara wkoll certifikat mediku iehor mmarkat Dok LG a fol 13 tal-atti.)

<u>Ikkunsidrat</u>

Illi dwar l-istess incident, l-akkuzat xehed (fol 73 et seq ibid) li kien qed isuq sabiex jidhol fit-triq principali. Kif kien hekk hiereg, quddiemu kien hemm tlett ringili ta' karozzi . Wara li xi karozzi "cedewli" jidher li l-parti lesa ma kienx ghamel hekk u 'baqa ghaddej qiesu ser jaghtini xi daqqa'. Dwar dan hu ammetta li l-istess parti lesa kellu d-dritt dak il-hin. Pero l-imsemmi Carmelo Briffa kien nizzel il-hgiega u beda joffendi lill-akkuzat. Ghalhekk hu pparkeggja, ma' naha, it-taxi misjuq minnu b'passiggieri go fih u nizel mill-istess taxi sabiex jara 'ghaliex qed jghajjat'.

Hawnhekk bin il-parti lesa nizzel il-hgiega tat-tieqa fuq in-naha tieghu ossija dik tal-lemin u tefa landa kontenenti 'hydrualic fluid' f'ghajnejh li harquh. Minhabba hekk "... bdejt inxejjer bl-addocc ghax hsibt li ser jinzlu ghalija". Inoltre, wara li ra flixkun tal-birra fl-art, hu gabru u tefghu fid-direzzjoni tal-ohrajn u bhala konsegwenza kien kisser il-hgiega diga imsemmija. In oltre, "kemm il-parti lesa, kemm ibnu, nizlu ghalija mill-vettura taghhom u ghalhekk xejjirt xi daqqiet ta' ponn u xi hadd minnhom qal li lqattu fuq halqu". In rigward il-premess, a fol 13 tal-atti u

mmarkat Dok LG1, jinstab certifikat mediku iehor rilaxxat in rigward l-akkuzat minn fejn jidher li dan kellu “... ‘burning right eye due to hydraulic oil in right eye’” kwalifikat bhala ferita hafifa. In olte, l-akkuzat semma illi hu kien dispost jasal f’arrangament mal-parti lesa bi hlas, bhala rizarciment, ta’ LM500. Pero dan ma kienx sehh minhabba pretensjoni esagerata da parti tal-istess parti lesa.

Ikkunsidrat

Illi mill-premess jidher evidenti li l-incident in ezami gie kagunat mill-agir da parti tal-akkuzat li l-ewwelnett saq it-taxi b’tali mod li kien qed jippretendi li seta jsuq il-quddiem meta l-karozzi l-ohra, fosthom dik misjuqa mill-parti lesa, kellhom id-dritta stante li kien qed isuq fuq it-triq principali. In oltre dan il-fatt gie aggravat mill-istess akkuzat li waqaf u pparkegga t-taxi tieghu u mar fid-direzzjoni tal-istess parti lesa u ibnu, li kienu ghadhom fil-vettura taghhom, u gara dak kollu kif deskritt fix-xhieda tal-parti lesa.

Dwar dan, il-Qorti hi konvinta illi kieku l-akkuzat ma agixxiex kif hawn fuq deskritt, dan l-incident bl-ebda mod ma kien isehh u ghalhekk l-akkuzat ghandu jigi ritenut illi hu intenzjonalment kkaguna l-konsegwenzi kollha tal-istess incident, konsistenti biss u fortunatament, f’feriti hfief u hsarat volontarji kif deskritti fl-istess akkuzi u kawzati fuq il-vettura tal-parti lesa u fid-dentatura ta’ dan kif hemm specifikat fix-xhieda tal-istess parti lesa.

Illi in rigward it-tielet akkuza, il-Qorti ma sabet l-ebda prova sabiex tissostanzjaha.

Ikkunsidrat

Illi ghalhekk l-akkuzat a bazi tal-provi prodotti ghandu jigi kkunsiderat bhala li kkommetta l-ewwel u t-tieni akkuza izda mhix it-tielet wahda.

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti filwaqt li issib lill-akkuzat mhux hati talli fit-22 ta’ Lulju 1995 ghall-habta tas-siegha ta’ fil-ghodu fejn ir-roundabout ta’ Erbat’Imwiezeb, limiti ta’ san

Pawl il-Bahar, saq it-Taxi numru Y 0027 kontra s-sinjali ta' traffiku (double white line) u tilliberah minn din l-akkuza, issib lill-akkuzat hati talli fit-22 ta' Lulju 1995 ghall-habta tas-siegha ta' fil-ghodu, fejn ir-roundabout ta' Erbat'Imwiezeb, limiti ta' san Pawl il-Bahar :

1. Ikkaguna offiza fuq il-persuna ta' Carmelo Briffa, liema offiza hija ta' natura hafifa kif iccertifika it-tabib Dr K Gatt MD mill-Mosta Health Centre u fuq il-persuna ta' Daniel Briffa kif iccertifika it-tabib M Caruana MD mill-isptar san Luqa, liema griehi huma ta' natura hafifa.
2. Volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor fuq il-vettura ta' Carmelo Briffa li ggib in-numru F 1255, liema hsara tammonta ghal aktar minn LM500 u fuq id-dentatura tal-istess Carmelo Briffa liema hsara tammonta ghal LM70.

Rat l-artikoli 215, 221 (1) u 325 (a) tal-Kodici Kriminali.

In rigward il-piena, wara li gew kunsideratri l-fedina penali tal-akkuzat kif ukoll il-fatt li bhala konsegwenza ta' dan l-incident l-istess akkuzat kien sofra ferita hafifa f'ghajnejh permezz ta' 'hydraulic fluid', il-Qorti tara li ghandha tapplika l-artikolu 21 tal-Kodici Kriminali u timponi piena pekunjarja adatta ghal grad ta' gravita ta' dan il-kaz.

Ghaldaqstant il-Qorti tikkundanna lill-akkuzat ghal piena ta' LM300 (tlett mitt lira maltin) multa.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------